



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/2073(INI)

3.6.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2010-2012
(2013/2073(INI))

Rapporteur: Martina Anderson

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jitlob lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jagħmel enfasi fuq l-importanza tal-koeżjoni soċjo-ekonomika u territorjali tal-Unjoni Ewropea, kif hemm speċifikat fl-Artikolu 174 TFUE, fil-ksib tal-oġġettivi tal-Istrateġija taż-Żaġħżagħ tal-UE, jiġifieri l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ kollha bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-solidarjetà għaż-żgħażagħ kollha, billi jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u jikber il-proporzjon tal-popolazzjoni fl-impjiegi, fil-kuntest tal-miżuri li għaddejin bħalissa għat-tnaqqis tad-dejn, iż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażagħ, u l-livelli diverġenti ta' ksib u taħriġ edukattivi;
2. Jemmen li l-ewwel prijorità tal-UE għandha tkun il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa; jinsab imħasseb dwar il-livell allarmanti ta' żgħażagħ li la għandhom edukazzjoni u lanqas xogħol; jemmen li jekk l-UE ma tistax tindirizza kif suppost din l-isfida, in-nuqqas ta' prospetti għaż-żgħażagħ se jċajpru l-fiduċja fil-proġett Ewropew;
3. Jissottolinja l-importanza tal-investment strateġiku tal-finanzjament strutturali tal-UE fl-iżvilupp reġjonali, fil-kompetittività u fil-ħolqien tal-apprentistati ta' kwalità għolja, l-istages u l-impjiegi sostenibbli u durevoli, li jagħtu liż-żgħażagħ l-usa' opportunitajiet possibbli għall-impjiegi li jkunu jirrispettaw jeddijiet l-impjegat f'kull Stat Membru, ħalli l-prekarjetà u r-riskju tal-faqar jitnaqqsu b'mod sinifikattiv; jissottolinja barra minn hekk l-importanza tad-diversifikazzjoni ekonomika f'setturi ta' valur għoli miżjud, fejn ikun xieraq, u l-ħtieġa ta' enfasi fuq iż-żoni rurali u żvantaġġati;
4. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-każijiet ta' tlaqqiġ ġeografiku ħażin bejn il-provvista tal-impjiegi u d-domanda għalihom kemm fi ħdan l-Istati Membri u kemm bejniethom, b'mod partikolari permezz tal-bidliet għall-Portal Ewropew tal-Mobilità fl-Impjiegi (EURES), bil-għan li jittejbu l-opportunitajiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ;
5. Jemmen li l-interventi bikrija u l-politiki proattivi dwar is-suq tax-xogħol jirrappreżentaw ċaqliqa mit-trattament tas-sintomi taċ-ċħid multiġenerazzjonali lejn l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji kmieni fil-ħajja biex jiġi pprevenut il-qgħad u tiġi aġevolata r-rintegrazzjoni; jiġbed attenzjoni speċjali għal dawk li l-aktar huma emarġinati u li jinsabu fl-ogħla riskju li jsibu ruħhom qiegħda;
6. Jipproponi li l-aktar triq effikaċi għall-progress hi l-iżvilupp ta' qafas li jorbot espliċitament l-eżiti mal-progress fl-implementazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Jeddijiet tat-Tfal (UNCRC), billi jingħata appoġġ lill-fehma li l-politika taż-żgħażagħ jeħtieġ li tkun robusta miżurabbli;
7. Jinnota li flimkien mal-istrateġiji tal-UE dwar l-impjiegi, l-ibliet u r-reġjuni iwettqu rwol importanti fl-ivvalutar tas-swieq lokali tax-xogħol, fl-antiċipazzjoni ta' ħtiġiethom, u fit-tfassil ta' programmi apposta għaż-żgħażagħ, u jagħmel enfasi fuq l-importanza taż-żgħażagħ fil-komunitajiet tagħhom, inklużi r-reġjuni li huma gżira u li huma fuq barra tat-territorju tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jinkoraġġixxu ċ-ċittadinanza

attiva u jiżguraw li r-rappreżentanti taż-żgħażaġh jew tal-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh jipparteċipaw fl-inizjattivi differenti proposti mill-UE;

8. Jenfasizza li l-programmi tal-UE u speċjalment il-fondi strutturali u dawk ta' koeżjoni huma l-istrumenti l-aktar effiċjenti għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u biex jingħata appoġġ lill-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh;
9. Iqis li hu ta' dispjaċir li t-tħabbiriet kbar li saru mill-Kunsill Ewropew rigward impenji għaż-żgħażaġh mhumiex riflessi f'impenji finanzjarji ekwivalenti; jinnota li parti kbira mill-“Pakkett tat-Tkabbir” imħabbar fl-2012 ikkonsistew prinċipalment reallokazzjoni parzjali ta' fondi strutturali li kienu diġà mwiegħda u sar impenn dwarhom;
10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli li jeżistu biex il-perjodi ta' Prattika, l-apprendistati u l-esperjenzi tax-xogħol għall-istudenti u l-gradwati jsiru b'mod transkonfinali sabiex isir tlaqqiġ aħjar tal-provvista tal-opportunitajiet ta' taħriġ għaż-żgħażaġh ibbażat fuq ix-xogħol mad-domanda għal tali opportunitajiet, u b'hekk tittejjeb il-mobilità u l-impjegabilità, b'mod partikolari fir-reġjuni ta' mal-fruntieri;
11. Iqis li h ta' dispjaċir l-ambivalenza li wera l-Kunsill, li qed jitkellem favur riżorsi addizzjonali għaż-żgħażaġh imma jtawwal fin-negozjati fuq il-pagamenti b'rabta mal-baġit li jemenda għall-2013, u b'hekk jhedded il-pagamenti tal-boroż ta' studju Erasmus; jistieden lill-Kunsill jadotta approċċ aktar kostruttiv billi jieqaf milli jkompli jkabbar id-distakk li hemm bejn l-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-approprijazzjonijiet ta' impenn f'kull baġit annwali;
12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmobilizzaw il-fondi kollha disponibbli, b'mod partikolari fil-qafas tal-fondi strutturali, għal programm massiċċ li jstimola l-investimenti għall-impjiegi u t-taħriġ bil-għan li tkun ikkumbattuta r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż l-inkoraġġiment tal-iżvilupp tan-negozju għaż-żgħażaġh permezz tal-impreditorija; jilqa' l-Inizjattiva tal-Impjiegi għaż-Żgħażaġħ u jħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati jagħmlu użu sħiħ tal-flejjes mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-allokazzjoni speċjali;
13. Iqis li r-rata għolja ta' qgħad f'ċerti Stati Membri setgħet ġiet evitata permezz ta' strateġiji nazzjonali u reġjonali intensivi mmirati li jħeġġu lill-kumpaniji jimpjegaw ħaddiema żgħażaġh;
14. Jipproponi li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun iffinanzjata b'mod adegwat b'użu aħjar tal-FSE;
15. Jenfasizza li għandu jingħata appoġġ akbar lill-iżvilupp tal-ispirtu imprenditorjali fost iż-żgħażaġh permezz tal-aċċess għall-fondi tal-UE u għall-għoti ta' pariri dwar in-negozju;
16. Iqis li għandhom jiġu mfassla programmi ġodda bil-ħsieb li jipprovdu liż-żgħażaġh edukazzjoni teknoloġika ta' kwalità għolja u li jippromwovu opportunitajiet għalihom biex jispeċjalizzaw jew biex jaħdmu fi Stat Membru ieħor;
17. Jagħraf li l-impriżi soċjali jistgħu jwettqu rwol importanti fil-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi jinvestu fl-

edukazzjoni u t-taħriġ għall-Ewropej żgħażaġh.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.5.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Jean-Jacob Bicep, John Bufton, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Vasilica Viorica Dăncilă, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Evžen Tošenovský, Manfred Weber, Iuliu Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Albert Deß, Takis Hadjigeorgiou, Katarína Neved'alová